# Kampjonat 1955-56

# Sliema Wanderers champions

## It-Tlettax-il Ġurnata

**14-04-1956:**
**Floriana FC – Birkirkara FC 2-2**
**H.T 0-1**
**Skurjaw: Own goal Roy Swift (B) 32', T. Cauchi (F) 69' u 71' u F. Bonnici (B) 72'.**
**Referee: Turu Lentini**
**Linesmen: Salvu Pirotta u Carmel Spiteri**

*Floriana FC*: Albert 'Bertie' Borg, Roy Swift, Lolly Debattista, Joe Cini, Tony Dalli, Freddie Vella James, Charlie 'Grioss' Azzopardi, Żarenu Alamango, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Frans Cassar, Tony Pandolfino, John Gatt, Leli 'Likku' Saliba, Norman Bell, Frans 'Lula' Bonnici, Stephen Samut Tagliaferro, J. Zammit, Lyndon Schreener, Pawlu Carbonaro.

1. Din il-partita suppost li ntlagħbet il-Ħadd 15 ta'April iżda nbidlet ma' Rabat v Valletta ta' ġurnata wara minħabba li Floriana kellhom il-festa ta' San Publju.
2. Wara sitt rebħiet konsekuttivi Floriana fallew il-punt li bih Sliema Wdrs. FC saru Champions tal-Kampjonat Malti għal 14-il darba.
3. Fil-57 minuta, bl-iskor 1-0 favur Birkirkara 'Il-Koku' Demanuele xxuttja għoli minn penalty.

**15-04-1956:**
**Rabat FC – Valletta FC 2-2**
**H.T 0-1**
**Skurjaw: N. Mackay (V) 41', T. Caruana (R) 51', P. Said (R) 68' u N. Mackay (V) pen. 78'.**
**Referee: R.S.M Carmel Galea (R.M.A).**
**Linesmen: Salvu Pirotta u Carmel Spiteri.**

*Rabat FC:* Anthony Micallef, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Joe Cilia, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Joe Cilia, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Tony Caruana, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie Zammit, Charlie Theuma.

*Valletta FC:* George Borg, Joe Agius, Edwin 'Dwinu' Schembri, Jackie Grech, Twanny Mallia, Charles Zerafa, Sonny Curmi, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Josie Urpani, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

1. Fl-okkażjoni tal-goal tad-draw ta' Rabat skorjat minn Tony Carauna, Valletta kienu b'għaxar players meta l-player tagħhom Nenu MacKay kien qed jiddewwa mat-touchline. Fil-fatt huwa daħal ftit minuti wara b'rasu nfaxxata.
2. B'dan il-punt Valletta issa jinsabu salvi mir-relegazzjoni. Wara li kellhom riżultati tajbin fl-Ewwel Round fejn fost l-oħrajn kienu għelbu lil Floriana u lil Sliema Wanderers huma marru ħażin fit-Tieni Round fejn kisbu biss żewġ draws. Kien fadlilhom partita oħra għat-tmiem li rriservatilhom diżastru ieħor.
3. Din kienet l-aħħar partita għal Twanny Mallia fil-kampjonat Malti wara li fit-18 ta' April, 1956, huwa kien emigra lejn l-Ingilterra.

**21-04-1956:**
**Sliema Wdrs. FC – Ħamrun Sp. FC 3-1**
**H.T 2-0**
**Skurjaw: S. Nicholl (S) 34' u 44', S. Schembri (S) 50' u G. Buttigieg (Ħ) 57'.**
**Referee: Salvu Pirotta**
**Linesmen: Carmel Galea u Joe Genovese.**

*Sliema Wdrs. FC*: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Henry Hayston, Alex Gollcher, Tony Nicholl, Salvinu Schembri, Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, George Jones, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Effie Borg, Carmelo 'Nene' Grech, Armando Drago, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Victor Grima, Romeo 'Il-Ħaċċa' Psaila.

1. Ħamrun Spartans lagħbu għal 25 minuta b'għaxar players meta wara żewġ minuti weġġa' Armando Drago wara li ħabat ma' sieħbu "Nenè" Grech. Huwa daħal lura jilgħab fis-27 minuta bi stick fuq moħħu, bl-iskor għadu ma nfetaħx.
2. Eżatt qabel din il partita ntlagħab il-konfront jaħraq mill-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni Reserves bejn l-istess żewġ timijiet fejn il-konfront spiċċa fi draw ta' 0-0 biex iż-żewġ timijiet baqgħu flimkien fil-quċċata b'20 punt kull wieħed. Fil-fatt kien hemm ix-xniegħa li peress li l-partita tal-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni kienet bla nteress peress li Sliema kienu diġà rebħu ċ-championship, iż-żewġ naħat kienu ser jinżlu bir-reserves għal dan il-konfront u jilagħbu bl-aqwa players fil-partita tar-Reserves. L-MFA wissiet liż-żewġ timijiet li dan kien kontra r-regolamenti.
3. Għat-tielet darba f'dan l-istaġun Sliema Wanderers għelbu lil Ħamrun Spartans 3-1. Fil-fatt huma kienu diġà ltaqgħu darbtejn oħra f'dan l-istaġun – darba fis-semifinali tal-Cassar u darb'oħra fl-ewwel round tal-kampjonat.

**22-04-1956:**
**Hibernians FC– Vittoriosa Stars FC 2-0**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: C. Schembri (H) 8' u F. Church (H) 81'.**
**Referee: George Degiorgio**
**Linesmen: J. Borg u Watty Gatt.**

Il-Partita ġiet abbandunata fil-85 minuta wara protesti mill-players ta' Vittoriosa Stars FC. Ir-riżultat ta' 2-0 fil-ħin tal-abbandun baqa' jgħodd bħala dak finali.

*Hibernians FC:* Edwin Gili, Colin Tabone, Joe Grixti, Maurice Vella Borg, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Joe 'Puskas' Muscat, Turu Tabone, Fredu Church, Charlie 'Kinnie' Schembri, Leli Sultana, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

*Vittoriosa Stars FC*: Godwin Cassar, Francis Xavier Camilleri, Emmanuel Urpani, Buttigieg, Lino Zahra, Johnnie Darmanin, Ritchie Sultana, Leli Stivala, Caruana, Twanny Sultana, Ċikku 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. Fit-33 minuta, kien hemm protesti ħorox, l-ewwel mill-players ta' Hibernians meta r-referee Degiorgio kkonvalida goal ta' Vittoriosa meta l-ballun ma kienx daħal. Fil-fatt id-difensur Colin Tabone kien tajjar minn fuq il-linja x-xutt ta' Leli Stivala. F'dan il-ħin, il-linesman Borg xejjer għal offside ta' Caruana, bir-referee Degiorgio jaħseb li kien qed jissenjalalu l-goal. Ir-referee dawwar id-deċiżjoni tiegħu wara li kkonsulta mal-linesman. Hawnhekk kienu l-players ta' Vittoriosa li pprotestaw bil-logħob jieqaf għal xi minuti, fejn anke meta ntemmet l-ewwel taqsima il players ta' Vittoriosa dehru jħebbu għal-linesman Borg.
2. Aktar tard, segwew iktar protesti ħorox mill-players ta' Vittoriosa hekk kif Hibernians skorjaw it-tieni goal minn Fredu Church. Vittoriosa sostnew li l-player ta' Hibernians Charles Schembri minkejja li kien imweġġa' mal-art xorta waħda kellu jitqies li kien f'pożizzjoni ta' offside. Fil-protesti il-player Camilleri ta' Vittoriosa tkeċċa wara li xejjer bis-sieq lir-referee. Meta l-logħob kompla, reġa' qam l-inkwiet bejn il-players u r-referee Degiorgio ddeċieda li jabbanduna l-partita meta kien fadal ħames minuti għat-tmiem. Fl-4 ta' Mejju, 1956, il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA ħabbar li kien issospenda lill-player

Francis Xavier Camilleri għal għomru. Vittoriosa Stars ġew immultati £12 u 10 xelini.

3. Il-ġurnal 'Il-Berqa' irraporta li r-referee Degiorgio kien dgħajjef u matul il-partita tħallew għaddejjin daqqiet ta' sieq, daqqiet ta' ponn u bżieq fil-wiċċ fejn l-iktar li spikkaw fin-negattiv kienu Leli Stivala ta' Vittoriosa u Joe Ciantar ta' Hibernians. Il-korrispendent ta' 'The Bulletin' sostna li meta l-players ta' Vittoriosa ġrew wara r-referee, is-simpatija tiegħu kienet xorta waħda mal-players!! Huwa stieden lir-referee biex imur jistaħba fil-Kalahari Desert u qatt iktar ma jirfes fl-Istadium tal-Gżira. The Bulletin kien diġà qal li minn meta telqu minn Malta Flight Sgt. Kidd, Flight Sgt. Wallace u Commander F. G. Hawker, kif ukoll meta waqfu r-referees Maltin Michael Sciberras u l-Maġġur Alfred Briffa, il-livell tar-referees mar ħafna lura.

4. Oriġinarjament ir-referee ta' din il-partita kellu jkun Joe Cassar Naudi, b'George Degiorgio u Watty Gatt linesmen, però ir-referee Cassar Naudi kien avża lill-Officer in Charge li ma setax jattendi għall-partita.

Klassifika: Sliema Wdrs. FC 22 pt.; Floriana FC 17-il pt.; Ħamrun Sp. FC 14-il pt.; Hibernians FC 13-il pt.; Valletta FC u Birkirkara FC 11-il pt.; Rabat FC u Vittoriosa Stars FC 8 pti.

L-Aqwa Skorers: S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 13-il goal; T. Cauchi (Floriana FC) 10 goals; T. Nicholl u J. Xuereb (Sliema Wdrs. FC) 8 goals.

## L-Erbatax-il Ġurnata

**28-04-1956:**
**Birkirkara FC – Hibernians FC 2-1**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: N. Bell (B) 7' u 57' u C. Schembri (H) 69'.**
**Referee: Joe M. Cassar Naudi**

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Frans Cassar, Tony Pandolfino, John Gatt, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Norman Bell, Frans 'Lula' Bonnici, Stephen Samut Tagliaferro, J. Zammit, Lyndon Schreener, Pawlu Carbonaro.

*Hibernians FC*: Edwin Gili, Colin Tabone, Joe Grixti, Maurice Vella Borg, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Joe 'Puskas' Muscat, Turu Tabone, Fredu Church, Charlie 'Kinnie' Schembri, Leli Sultana, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

1. Joe Muscat ta' Hibernians falla penalty fid-59 minuta meta xxuttja dritt f'idejn il-goalkeeper Lolly Rizzo.

**29-04-1956:**
**Rabat FC – Ħamrun Sp. FC 3-0**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: P. Said (R) 14' u 73' u C. Theuma (R) 85'.**
**Referee: George Bonello**

Rabat FC: Anthony Micallef, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Joe Cilia, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Tony Azzopardi, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Karmenu Xerri, Charlie Theuma.

Ħamrun Sp. FC: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Freddie Falzon, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Carmelo 'Nene' Grech, Armando Drago, Franġisku Formosa, Effie Borg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Victor Grima, Romeo 'Il-Ħaċċa' Psaila.

1. Ir-referee George Bonello kien qed jagħmel id-debutt tiegħu fl-Ewwel Diviżjoni

2. Rabat FC kienu ilhom bla rebħa mit-12 ta' Novembru 1955 meta dak in-nhar kienu għelbu lil Birkirkara 2-0. Minn dak in-nhar segwew ħames telfiet u erba' drawijiet.

3. Skond il-ġurnal Leħen is-Sewwa xi players niżlu fil-ground biex jassistu għal din il-partita minflok biex jilgħabu fiha.

**05-05-1956:**
**Floriana FC – Vittoriosa Stars FC 2-1**
**H.T 2-1**
**Skurjaw: P. Demanuele (F) 21' u 37' u T. Sultana (V) 44'.**
**Referee: R.S.M Carmel Galea (R.M.A).**

*Floriana FC*: Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Pullu Mousu, Joe Cini, Fred Barry, Freddie Vella James, Charlie 'Gri-oss' Azzopardi, Żarenu Alamango, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Vittoriosa Stars FC*: Godwin Cassar, Emmanuel Urpani, Sammy Busuttil, Buttigieg, Lino Zahra, Johnnie Darmanin, Bugeja, Ritchie Sultana, Leli Stivala, Twanny Sultana, Ċikku 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. Vittoriosa kellhom bżonn rebħa sabiex jisforzaw relegation decider ma' Rabat FC iżda sfaw megħluba minn Floriana biex tilfu posthom wara staġun wieħed mall-kbar.

2. Fil-ġurnal 'Il-Berqa' kien irrapportat li tlitt ijiem qabel din il-partita, il-Kumitat ta' Floriana kien sejjaħ lill-players għal-Laqgħa fejn kienu insistew mal-players tagħhom biex jilagħbu l-partita u ma jċedu xejn.

**06-05-1956:**
**Sliema Wdrs. FC – Valletta FC 7-0**
**H.T 4-0**
**Skurjaw: T. Nicholl (S) 1', C. Mattocks (S) 22', S. Nicholl (S) 29' u 44', J. Xuereb (S) 58', N. Calleja (S) 87' u J. Xuereb 89'**
**Referee: Turu Lentini.**

*Sliema Wdrs. FC*: Ray Cosby, Ġużi Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Henry Hayston, Alex Gollcher, Tony Nicholl, Salvinu Schembri, Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

*Valletta FC*: George Borg, Joe Agius, Edwin 'Dwinu' Schembri, Jackie Grech, Charles Zerafa, Frankie Zammit, Żeppi Micallef, Sonny Cumi, Silvio Rapinett, Josie Urpani, Freddie 'Il-Waniż' Borg.

1. Qabel il-partita, il-captain ta' Valletta Dwinu Schembri kien ippreżenta bukkett fjuri lil Tony Nicholl fl-okkażjoni tal-25 sena tiegħu jilgħab il-football mal-Wanderers. Fl-istess waqt, il-President ta' Valletta FC Robert Borg Olivier ippreżenta lil Tony Nicholl bi gwarniċ tal-fidda li fih kien hemm ritratt tal-istess Nicholl bil-flokk ta' Valletta FC jieħu b'idejn il-Gvernatur ta' Malta Lord Gort meta Tony Nicholl kien lagħab bħala guest player mal-club Belti fil-Cassar Cup tal-istaġun 1944-45.

2. Dawn l-awguri jidhru li għamlu tajjeb lil Tony Nicholl wara li f'inqas minn minuta mill-kick-off huwa kien diġà skorja għal Sliema b'xutt-bomba tipiku minn tiegħu.

3. Wara l-partita, il-captain ta' Sliema Wanderers Tony Nicholl ġie ppreżentat bil-Tazza Johnnie Walker mill-President tal-MFA Lawrence Farrugia B.E.M. Tony Nicholl kien ġie merfugħ fuq l-ispallejn mill-players sħabu li ġrew bih sad-dressing room. F'dak l-istaġun Sliema Wanderers kienu kaxkru l-unuri kollha meta kienu rebħu x-Scicluna Cup, il-Poppy Fund Shield, il-Kampjonat, il-Cassar Cup u xahar wara rebħu wkoll l-FA Trophy.

### AĦBARIJIET

**Fit-13 ta' Lulju, 1956, il-player ta' Floriana Joe Cini ħalla Malta biex imur għal prova ma' Leyton Orient fl-Ingilterra. Il-club Ingliż kien ġie Malta f'Mejju tal-1956 fejn kien lagħab erba' logħbiet fostna. Joe Cini kien lagħab darbtejn kontra Orient, l-ewwel mal-MFA U/21 fit-telfa ta' 7-0 u wara ma' Floriana f'telfa oħra ta' 4-2. Minkejja ż-żewġ telfiet Cini kien ħalla mpressjoni tajba u kien mistieden imur għal prova l-Ingilterra. Fil-fatt, anke fl-Ingilterra Joe Cini kien mar tajjeb u rreġistra mal-club tat-Tieni Diviżjoni Ingliża fejn sar l-ewwel player Malti li lagħab (u skorja) fil-Kampjonat Ingliż.**